MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' April 2018**

**Kumpilazzjoni numru 229/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kenneth Magro**
**(ID: 383693M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Kenneth Magro** talli ghall-habta tas-01:30 ta' filghodu tat-13 ta' April 2018 gewwa l-Imsida:

1. Ikkometta serq ta' bust ghad-detriment tal-Kunsill Lokali tal-Imsida u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, liema ammont ma jaccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);
2. Xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaġuna dannu lil jew qered proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali hija jew mhix reġistrata f'xi inventarju u ċioe` bust ta' Dun Amadeo Ebejer;
3. Kisser, ġarraf, sfigura jew b'xi mod ieħor għamel ħsara lil monument, statwa jew oġġetti oħra ta' arti li qegħdin għall-vantaġġ pubbliku jew għat-tisbiħ pubbliku u li jkunu ġew imwaqqfin mill-awtorità pubblika u cioe` bust ta' Dun Amadeo Ebejer.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu u wissietu dwar il-piena li tista' tigi inflitta fuqu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-*res furtiva*, u cioe` bust ta' Dun Amadeo Ebejer, jinsab fil-pussess taghha. Il-Qorti semghet ukoll lid-difiza tiddikjara illi r-reat imwettaq mill-imputat kien sforz ta' sitwazzjoni finanzjarja prekarja li kien jinsab fiha. Addizjonalment, il-Qorti, in kwantu ghall-piena, se tiehu in kunsiderazzjoni wkoll il-fedina penali netta tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat deher li rrealizza li dak ma kienx il-mod kif huwa jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u li ddispjacih ghal li ghamel.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 161, 261, 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali u artikolu 53 (1) (a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat **Kenneth Magro** hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena (1) mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabbilita` tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena (1) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur